# MALTA

## ATT Nru. XII ta' l-1979

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kap. 143.**

## ACT No. XII of 1979

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Pensions Ordinance, Cap. 143.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

President

16 Marzu, 1979

## ATT Nru. XII ta' l-1979

*ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kap. 143.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1979 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali.

**2.** Minflok l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Applikazzjoni ta' l-Ordinanza.

20. Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza għandhom japplikaw għall-uffiċjali kollha maħturin għas-servizz pubbliku ta' Malta wara l-bidu fis-seħħ ta' din l-Ordinanza iżda qabel il-15 ta' Jannar, 1979, u ebda pensjoni, gratifikazzjoni jew *allowance* ma għandha titħallas skond din l-Ordinanza, u ebda ħlas ieħor ma għandu jsir skond l-istess Ordinanza, lil xi persuna li ma kenitx uffiċjal qabel l-imsemmija data, jew lill-armla, iben jew qraba oħra ta' xi persuna bħal dik:

Iżda —

(i) dwar persuni li, għalkemm mhux uffiċjali, kienu fis-servizz pubbliku qabel il-15 ta' Jannar, 1979, u dwar l-armla, l-ulied jew qarib ieħor ta' xi persuna bħal dik, id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza għandhom japplikaw b'dak il-mod u sa dak il-limitu kif ikun meħtieġ sabiex jingħata effett lil arranġamenti dwar dawk il-persuni li jkunu saru qabel dik id-data;

(ii) kull persuna maħtura mal-Korp tal-Pulizija qabel l-1 ta' Frar, 1939, tista', billi tagħti avviż bil-miktub lill-Ministru responsabbli għall-finanzi, tagħżel li l-liġi applikabbli għaliha qabel dik id-data tibqa' hekk tapplika; u

(iii) id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' uffiċjal li dwaru, bis-saħħa ta' avviż mogħti skond l-artikolu 5 ta' l-Ordinanza ta' l-1939 li temenda l-Liġi tal-Korp tal-Pulizija, japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli mħassra b'dik l-Ordinanza.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 257 ta' l-14 ta' Marzu, 1979.

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

*Speaker*

I assent.

President

16 March, 1979

## ACT No. XII of 1979

*AN ACT further to amend the Pensions Ordinance, Cap. 143.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Pensions (Amendment) Act, 1979, and shall be read and construed as one with the Pensions Ordinance, hereinafter referred to as "the principal law".

Substitution of section 20 of the principal law.

**2.** For section 20 of the principal law there shall be substituted the following:

"Application of Ordinance.

20. The provisions of this Ordinance shall apply to all officers appointed to the public service of Malta after the commencement of this Ordinance but prior to 15th January, 1979, and no pension, gratuity or other allowance shall be payable under this Ordinance, nor shall any other payment be made thereunder, to any person who was not an officer before the date aforesaid, or to the widow, child or other relative of any such person:

Provided that —

(i) in respect of persons who, though not officers, were in the public service before 15th January, 1979, and in respect of the widow, child or other relative of any such person, the provisions of this Ordinance shall apply in such manner and to such extent as may be necessary to give effect to arrangements concerning such persons made prior to that date;

(ii) any person appointed to the Police force before the 1st February, 1939, may, by giving notice in writing to the Minister responsible for finance, elect that the law applicable to his case prior to that date shall continue so to apply; and

(iii) the provisions of this Ordinance shall not apply in the case of an officer to whom, by virtue of a notice given under section 5 of the Police Force (Amendment) Ordinance, 1939, the provisions of the sections repealed by that Ordinance apply.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 257 of the 14th March, 1979.

*Clerk to the House of Representatives*

*Speaker*